# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DIGRIET

**Kaz/ Numru 3108 /JHP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn**

**Christopher Rizzo ID573455(M)**
**u**

**Corinthia Construction (Overseas) Ltd**

*Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: James Pearsall**

1. **Dahla**

Nhar il-Erbgha 5 ta' Marzu 2014 it-Tribunal Industrijali sema dak li kellhom xi jghidu iz-zewg partijiet. Inghata zmien sat-30 ta' Marzu 2014 sabiex is-socjeta intimata tipprezenta noti ta sottomissjonijiet dwar l-ewwel u tieni eccezzjoni.liema noti ghandhom jinghataw lill kontroparti, li din ser tinghata terminu sal-15 ta'April 2014 ghan nota responsiva

2. **Lista ta Dokumenti:**

2.1 Nota tas-socjeta intimata kif prezentata minn Dr Karl Briffa bid data ta'16 ta' April 2014

2.2 Nota tar-rikorrent sottomessa minn Dr.Yanika Camilleri fil-15 ta' April 2014.

**2 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal Industrijali kkunsidra bir-reqqa dak li kellhom xi jghidu il-partijiet waqt seduta li saret fit 30 ta' April 2014 u noti skambjati bejn iz-zewg partijiet li jiffurmaw parti mill-atti ta'dan il-kaz

It-Tribunal Industrijali kostitwit minn Chairman biss ghandhu kompetenza li jisma kazi ta' tkeccija ingusta biss. Il-kumpens li jaghti fil-kaz li jsib favur ir-rikorrent hu limitat ghad-danni li seta sofra ir-rikkorent.

Mhux kompitu tat-Tribunal Industrijali kif kostitwit li jiddeciedi dwar hlasijiet dovuti bil-ligi,u li ma nghatawx. Ir-rikorrent bil-ghajnuna tad-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali u Impieg jista' jiftah kawza l-Qorti ghall-hlasijiet nieqsa.

Sadanittant is-smiegh tal-kaz ghandu jkompli

James Pearsall
Chairman

Illum 12 ta' Novembru 2014